MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2008

Numru 117/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Marisa Camilleri)**
**(Spettur Anthony Cachia)**

**vs**

**Joseph Debono**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Joseph Debono** ta' 32 sena, bin Anthony u Margaret *nee'* Mercieca, mwieled Pieta' fis-16 t'Awissu 1975, residenti 102 'Casa Debono', Triq Nikol Baldacchino, Qormi u detentur tal-karta tal-identita numru 390175M

Talli fil-11 ta' Frar 2008 ghall-habta ta' 5:45pm, ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' Denise Grech Gwardjana Lokali G 325 u Michael Vassallo Gwardjan Lokali G407 liema persuni huma nkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li ghamlu dan is-servizz, bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-istess Wardens indikati aktar 'il fuq waqt li kienu qed jagixxu ghall-ezekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghti skond il-Ligi minn awtorita' kompetenti.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi b'xi mod attakka jew irrezista bi vjolenza lill-istess Gwardjani Lokali waqt il-qadi ta' dmirijiethom.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi waqt li kont qed taghmel reat kontra l-persuna kellek fuq il-persuna tieghek arma regolari.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi gar arma ta' nar cioe' senter mhux skond il-kundizzjonijet tal-licenzja.
Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hedded bi kliem lill-istess Gwardjani Lokali msemmija aktar 'il fuq.

Il-Qorti hija gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija thassar jew tissospendi l-licenzja u tipprojbixxi lil Joseph Debono milli jkollu licenzja taht l-Att 480 u li tordna l-konfiska tal-istess arma (art 56 u 57 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija jekk jidhrilha xieraq u biex tipprovdi ghas-sigurta tal-Gwardjani Lokali msemmija aktar 'il fuq, flimkien mal-piena jew minflok il-piena torbot lil Joseph Debono b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus skond kif hemm indikat fl-art 383 tal-Kap 9.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Rat l-atti kollha tal-kawza;’

Stante ammissjoni, l-akkuzi jirrizultaw pruvati u l-Qorti ghalhekk qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu;

Wara li rat l-artikoli 95(1), 96 (a), 63 u 65, 339 (1) (e) tal-Kap 9, 25 tal-AL146/1993,

Rat l-fedina penali nadifa tal-imputat u hadet kont tas-sottomissjonijiet;

Ghalhdekk tiddeciedi billi minflok piena karceraja, stante li l-imputat huwa first offender, tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien tlett (3) snin mil-lum ai termini tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Inoltre l-Qorti tobbligah li ma jdejjaqx u/jew ma jimmolestax lil Gwardjan1 Lokali G325 Denise Grech u G407 Michael Vassallo fuq penali ta’ Euro 232 ghal zmien sena mil-lum skond l-artikolu 383 tal-Kap 9.

Inoltre l-Qorti qed tiskwalifikah milli jkollu licenzji ghal zamm jew garr ta’ armi u tornda l-konfiska tal-arma esebita.

Il-Qorti fissret bi kliem car l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------